C/2024/4651

19.7.2024

**Notifika preliminari ta' konċentrazzjoni**

**(Każ M.11371 - ERAMET / SUEZ RV / TFIN / JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(C/2024/4651)

1. Fit-12 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill ([1]) (KE) Nru 139/2004.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Eramet S.A. ("Eramet", Franza),

— Suez RV France S.A. ("Suez RV", Franza), ikkontrollata indirettament minn Suez Holding S.A.S (Franza),

— The Future Is Neutral S.A.S. ("TFIN", Franza), ikkontrollata minn Renault S.A. (Franza).

Eramet, Suez RV u TFIN se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Vosges Three ("JV Amont", Franza) u Relieve ("JV Aval", Franza).

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'żewġ kumpaniji maħluqin ġodda li jikkostitwixxu impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Eramet hija attiva globalment fl-estrazzjoni u l-irkupru tal-metalli;

— Suez RV hija attiva globalment fis-servizzi tal-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart;

— TFIN toffri soluzzjonijiet ta' riċiklaġġ b'ċirkwit magħluq f'kull stadju tal-ħajja ta' vettura.

3. L-attivitajiet ta' JV Amont u JV Aval se jkunu rispettivament iż-żarmar u l-konverżjoni ta' ruttam u batteriji li ma għadhomx jintużaw f'*massa sewda* (JV Amont), u l-irkupru tal-imluħa tal-metalli (nikil, kobalt, litju) minn *massa sewda* (JV Aval). Bejniethom, iż-żewġ impriżi konġunti se jipproponu offerta ta' riċiklaġġ b'ċirkwit magħluq ta' batteriji tal-joni tal-litju li ma għadhomx jintużaw tal-vetturi elettriċi u tar-ruttam.

4. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11371 - ERAMET / SUEZ RV / TFIN / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

L-indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË